IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.4.2021
COM(2021) 184 final

2018/0190 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

2018/0190 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. SFOND

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2018)0366)	30 ta' Mejju 2018
Data meta l-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta	6 ta' Frar 2019
Data meta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta	12 ta' Diċembru 2018
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	28 ta' Marzu 2019
Data tal-ftehim tal-Kunsill dwar approċċ ġenerali	14 ta' Diċembru 2018
Dati tat-trilogi	9 ta' Ottubru 2019 26 ta' Novembru 2019 12 ta' Diċembru 2019 14 ta' Diċembru 2020
Data meta l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-ftehim ta' kompromess	18 ta' Diċembru 2020
Data meta l-Kumitat CULT tal-Parlament Ewropew ivvota favur l-approvazzjoni tal-ftehim ta' kompromess	11 ta' Jannar 2021
Data meta l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti adotta l-pożizzjoni tal-Kunsill (il-Punt I/A)	31 ta' Marzu 2021
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari	13 ta' April 2021

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-programm huwa wieħed mill-istrumenti ta' finanzjament taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Il-Kummissjoni pproponiet pakkett baġitarju ta' EUR 1,85 biljun għall-Ewropa Kreattiva.

Il-programm il-ġdid Ewropa Kreattiva, li jappoġġa s-setturi kulturali u kreattivi, inkluż is-settur awdjoviżiv, jibni fuq il-kisbiet tal-programm attwali, filwaqt li huwa aktar ambizzjuż u jipprova jwieġeb għall-iżviluppi reċenti, bħaż-żieda fil-kompetizzjoni globali u d-diġitalizzazzjoni. Dan huwa magħmul mill-oqsma TRANSSETTORJALI, tal-KULTURA u tal-MEDIA. Huwa joffri opportunitajiet għal operaturi kreattivi u kulturali biex jiżviluppaw inizjattivi transfruntiera Ewropej teknoloġikament u artistikament innovattivi għall-iskambju, għall-ħolqien konġunt, għall-koproduzzjoni u għad-distribuzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u jagħmilhom aċċessibbli għal udjenzi wiesgħa u diversi. Se jintensifika wkoll l-ittestjar ta' mudelli kummerċjali ġodda li jippermettu lill-kreaturi biex pereżempju jagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji diġitali għall-ħolqien u l-iżvilupp tal-udjenza. Barra minn hekk, il-programm il-ġdid se jappoġġa azzjonijiet li għandhom l-għan li jinfurzaw ambjent tal-media ħieles, diversifikat u pluralistiku fl-Ewropa, u jappoġġa wkoll approċċi kritiċi lejn il-kontenut tal-media permezz tat-trawwim tal-litteriżmu fil-media.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, adottata fit-28 ta' Marzu 2019, issuġġeriet li jsiru emendi għall-proposta tal-Kummissjoni, b'mod partikolari:

– Il-Baġit: irduppjar tal-baġit (espress fi prezzijiet kostanti) u t-tqassim f'perċentwali bejn il-fergħat (KULTURA, MEDIA, TRANSSETTORJALI);

– L-Akkademja Ewropea taċ-Ċinema: benefiċjarju ddeżinjat fil-kuntest tal-promozzjoni tal-Premju LUX tal-Parlament Ewropew;

– L-Orkestra taż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea: enumerazzjoni tal-attivitajiet tal-Orkestra li għandhom jiġu ffinanzjati bħala benefiċjarju ddeżinjat;

– L-atti delegati għall-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma annwali;

– Aktar dettalji ta' implimentazzjoni dwar sinerġiji ma' programmi oħra;

– Il-valur intrinsiku tal-kultura bħala objettiv ġenerali ġdid;

– Objettivi speċifiċi ġodda: il-mobbiltà tal-artisti u ċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet, il-forniment tad-*data*, l-analiżi u l-indikaturi, l-iżvilupp tal-udjenza u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

– Bidliet fil-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

– Użu tal-logos ta' programmi;

– Ġbir ta' *data* għas-setturi kulturali u kreattivi;

– Enfasi fuq l-inklużjoni fl-azzjonijiet kollha tal-programm;

– Azzjonijiet bil-għan li jappoġġaw pajjiżi b'kapaċità baxxa fil-fergħa MEDIA.

Bħala parti mill-ftehim milħuq fit-trilogi, il-Kummissjoni aċċettat:

– Pakkett finanzjarju tal-programm ta' EUR 1 842 000 000 fi prezzijiet attwali, b'żieda addizzjonali ta' EUR 600 000 000 fi prezzijiet tal-2018. Din iż-żieda tirriżulta mill-

aġġustament speċifiku għall-programm previst fl-Artikolu 5 u fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 (jiġifieri fir-Regolament QFP);

– Tqassim tal-baġit f'perċentwali bejn il-fergħat tal-programm;

– Rabta aktar b'saħħitha bejn l-Akkademja Ewropea taċ-Ċinema u l-premju LUX tal-Parlament Ewropew, mingħajr ma l-Akkademja Ewropea taċ-Ċinema tkun benefiċjarju ddeżinjat;

– Il-possibbiltà li l-Orkestra taż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea tipparteċipa f'sejħiet kompetittivi għal proposti mingħajr ma jkunu benefiċjarji ddeżinjati;

– Il-kontinwazzjoni tal-logo MEDIA;

– Artiklu dwar il-ġbir tad-*data*;

– Ir-rikonoxximent tal-valur intrinsiku u ekonomiku tal-kultura;

– Lista definita u aktar ċara tal-azzjonijiet tal-programm fl-Anness;

– L-introduzzjoni tal-inklużjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala prinċipji trażversali fl-implimentazzjoni tal-programm;

– Rikonoxximent aktar ċar tad-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-aċċess ta' kontenut awdjoviżiv, u l-ispeċifiċitajiet lingwistiċi u ġeografiċi tagħhom.

Il-Kummissjoni qablet ukoll li toħroġ l-ittra ta' intenzjoni li ġejja rigward l-Orkestra taż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea:

"Fil-kuntest tal-premessa 23 u l-Anness I, Artikolu 1, azzjonijiet speċjali e) kif ukoll l-Artikolu 7(5) tar-Regolament imsemmi hawn fuq, kif qablu l-koleġiżlaturi fl-14 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tniedi sejħiet għal proposti li jistiednu applikazzjonijiet għall-għotjiet operattivi pluriennali li għalihom jistgħu japplikaw l-Orkestra taż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea u entitajiet oħra u li jkunu jipprovdu l-istabbiltà neċessarja għall-funzjonament tal-ħtieġa ta' dawn l-entitajiet. Dawn is-sejħiet se jkunu soġġetti għall-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma, li se jistabbilixxu l-kundizzjonijiet eżatti, bħall-iskedar tas-sejħiet jew id-durati tal-ftehimiet ta' għotja previsti. Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll l-intenzjoni tagħha li tniedi l-ewwel waħda minn dawn is-sejħiet fil-programm ta' ħidma annwali 2021. Din l-intenzjoni hija soġġetta għall-adozzjoni tar-regolament imsemmi hawn fuq u tal-ftehim finali dwar il-baġit tal-Unjoni għall-2021."

Rigward il-kontinwazzjoni tal-logo MEDIA, il-Kummissjoni ħarġet id-dikjarazzjoni li ġejja:

"Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-koleġiżlaturi ddeċidew li jżommu l-logo ta' MEDIA. Dan imur kontra l-approċċ orizzontali li ma jintużawx logos speċifiċi għal xi programm permezz tal-baġit fit-tul futur. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tiżgura li l-Ewropej jistgħu jirrelataw mal-Unjoni kollha kemm hi, billi l-programmi differenti tagħha jużaw l-emblema Ewropea unika. Din l-emblema hi komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE u se tkun parti importanti mir-rekwiżiti sempliċi, koerenti u vinkolanti tal-komunikazzjoni u tal-viżibbiltà għall-programmi kollha. Sabiex jintlaħaq ftehim ġenerali dwar il-programm, il-Kummissjoni tista' taċċetta li żżomm il-logo ta' MEDIA diment li dan jibqa' limitat għad-durata tal-perjodu ta' programmazzjoni kkonċernat.

Il-Kummissjoni tibqa' konvinta li l-komunikazzjoni u l-viżibbiltà tal-azzjoni tal-UE lejn pubbliku wiesa' jkunu aktar effettivi mingħajr l-ebda logo speċifiku għal xi programm. Il-Kummissjoni tibqa' għad-dispożizzjoni tal-koleġiżlaturi biex turi dan kollu ferm qabel in-negozjati tal-perjodu ta' programmazzjoni sussegwenti".

Wara li l-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, huwa mistenni li l-Parlament Ewropew japprova formalment il-ftehim li ntlaħaq fit-trilogi.

4. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti l-ftehim li ntlaħaq fit-trilogi. Fost l-iktar bidliet importanti li ġew introdotti meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni hemm:

- Pakkett finanzjarju tal-programm ta' EUR 1 842 000 000 fi prezzijiet attwali, b'żieda addizzjonali ta' EUR 600 000 000 fi prezzijiet tal-2018. Din iż-żieda tirriżulta mill-aġġustament speċifiku għall-programm previst fl-Artikolu 5 u fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 (jiġifieri fir-Regolament QFP);
- Tqassim tal-baġit bejn il-fergħat espress f'perċentwali minflok f'ċifri assoluti;
- Dimensjoni rinforzata dwar l-inklużjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- Referenza għall-"kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni" fil-kuntest tal-fergħa tal-programm MEDIA;
- Referenza aktar b'saħħitha għall-mużika;
- Rikonoxximent tal-valur intrinsiku u ekonomiku tal-kultura;
- It-tneħħija tal-Akkademja Ewropea taċ-Ċinema u l-Orkestra taż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea bħala benefiċjarji ddeżinjati;
- Iż-żieda tal-artikolu tal-komitoloġija;
- Artiklu dwar il-ġbir tad-*data*;
- Indikaturi riveduti;
- Durata tal-programm fissa allinjata mad-durata tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali;
- Referenza għad-dispożizzjonijiet tar-retroattività;

B'mod ġenerali, il-ftehim li ntlaħaq jippreserva l-objettivi tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, iżomm il-livell ta' ambizzjoni iżda jippermetti l-flessibbiltà meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm.

5. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill.